MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 2148/1998/1

**Francis Vella**

**Vs**

**Carmel Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ erba mija u hdax il-liri Maltin (Lm411) rapprezentanti din is-somma hsarat kagunati fil-vettura tal-attur tal-ghamla Renault (Reg.Bae No 979) konsegwenza ta’ incident awtomobilisitku li sehh nhar il-31 ta’ Mejju 1998 fi Triq Blat il-Qamar, Siggiewi bejn il-vettura tal-attur fuq imsemmija u l-vettura (van tal-ghamla Toyota (Reg. No DVY-008) misjuqa mill-konvenut u dan stante li l-imsemmi incident sehh tort tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort tal-attur nnifsu u ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nnifsu.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi a fol 45 u fol 49 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan l-incident kien gie investigat minn <u>PS 585 Joseph Bayliss</u> (fol 27 tal-atti) li esebixxa kopja tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> relattiv ghal dan l-incident. Dwar dan ghandu jigi notat li dak muri fuq l-iskizz ma’ tantx hu visibbli u l-Qorti ezaminatu b’certa diffikulta kif jidher a fol 26A tal-atti. In rigward l-imsemmi rapport, gew notati l-versjonijiet tal-fatti kif moghtija mill-partijiet involuti. Difatti <u>l-attur</u>, li kien qed jsuq il-vettura BAE 979 kien stqarr illi hareg minn sqaq u qasam it-triq sabiex jmur fid-direzzjoni tac-centru tas-Siggiewi u dan wara li ra li ma kienux gejjin vetturi ohrajn. Pero, mid-direzzjoni opposta, kienet gejja l-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut, misjuga minn dan b’velocita kbira u laqtet il-vettura tieghu. <u>Il-konvenut</u> da parti tieghu, u li kien qed jsuq il-vettura numru DVY 008, stqarr li kien qed jsuq f’Triq Blat il-Qamar. Fid-direzzjoni tar-Rabat u fuq in-naha tieghu proprja tat-triq meta, f’daqqa wahda il-vettura l-ohra qasmet quddiemu, ostakolatlu t-triq u b’hekk saret il-habta. Mill-istess rapport, jigi notat illi it-triq in kwistjoni giet deskritta bhala dritta u b’karregjata doppja u l-incident gara meta l-istess triq kienet niexfa. Fix-xhieda tieghu, l-istess xhud qal li ‘indikat, ukoll it-tul tal-‘brake marks’ wara l-vettura ….” Misjuqa mill-konvenut liema marki l-Qorti setghet tara avolja b’certa diffikolta li kienu pjuttost twal u, fl-akbar parti taghhom angolati l-fuq.

Ikkunsidrat

Illi l-attur kif jidher minn fol 12 sa fol 25 tal-atti xehed permezz ta ‘’affidavit” u esebixxa dokumenti in konnessjoni mal-lokalita ta’ dan l-incident (ara fol 20 u fol 25 ibid). Fix-xhieda tieghu hu sostna illi qabel ma hareg mill-isqaq gja msemmi , hu kien hares fuq iz-zewg nahat ‘u safejn kienet taghti l-vista ma kienu gejjin ebda vetturi”. Ghalhekk meta ra hekk hu hareg ghal fuq it-triq principali ‘u kont di ga wasalt fuq in-naha l-ohra tat-triq. F’daqqa wahda rajt ‘van’ gej mid-direzzjoni liema van gej mid-direzzjoni opposta tas-Siggiewi, ‘… baqa’ diehel go fija u laqatni fuq … wara tal-karozza’ lejn il-lemin. Hu nnota illi fuq it-triq, il-vettura l-ohra halliet ‘…brakemarks twal, friski …..’ u ‘ .. ikomplu wara l-‘point of impact’. Dwar dan kollu li nghad minn l-attur esebixxa erba’ ritratti a fol 20 tal-atti, li, fuqhom minnhom hemm indikati l-lokalita’ in kwistjoni kif ukoll il-hsarat fuq iz-zewg vetturi (ara d-deskrizzjoni a fol 13 u fol 14 ibid).

Inoltre l-istess attur esebixxa ukoll pjanta tal-post tal-incident fejn indika d-direzzjoni minn fejn kienu gejjin iz-zewg vetturi u l-punt ta’ impatt bejniethom. In kontroesami, hu semma’ illi filfatt hemm sporgenza fit-triq principali, li kienet ta’ ostakolu ghall-vizwali tieghu, waqt li kien hiereg mill-isqaq ghal fuq it-triq principali. Inoltre meta grat il-habta ‘… jiena kont diga qsamt it-triq u kont fuq is-‘side tieghi’ “.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (a fol 34) xehed illi, kif kien qed jsuq fuq it-triq principali, harget vettura minn naha tax-xellug tieghu, minn triq laterali, ossija sqaq. Inoltre hu sahaq li kien qed jsuq b’velocita ta’ 35/40 kilometru fis-siegha. Hawnhekk hu laqat lill-vettura misjuqa mill-attur ‘… fejn fuq l-iskecc il-brake marks huma mghawgin il-fuq’ u dan wara li ra’ l-vettura l-ohra “… kif qbist il-hajt sprogut il-barra …” markat, mill-istess Qorti, b’salib.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja inghad, f’dan l-kaz, il-Qorti kellha tanalizza dan il-kaz, bi prova importanti ossija l-iskizz kif esebit, li bl-ebda mod ma hu car.  Difatti l-Qorti ghamlet referenza di gja, ghal dan il-punt u, xota wahda, rat x’seta jigi konstatat mill-istess skizz u dan abbinat mal-provi l-ohra prodotti.

Illi, mill-premess, jidher illi l-attur kien hiereg minn tirq laterali ossija sqaq liema manuvra kellha certu grad ta’ diffikolta aktar minn normali minhabba l-isporgenza fil-hajt fuq in-naha tal-lemin tieghu u li kienet ta’ ostakolu ghal viswali tieghu fuq il-lemin.  Dan il-fatt juri illi l-attur waqt li hu hiereg mill-istess sqaq kellujuza kawtela akbar sabiex jaccerta ruhu, b’certezza, illi ma hux gej traffiku minn naha tal-lemin tieghu.  Dwar dan il-punt u fuq basi ta’ probabilita’, jidher li dan il-livell aktar gholi ta’ kawtela ma giex segwit mill-attur li kif xehed hu stess qal “Mill-isqaq jiena hrigt ghad-dritt’ (fol 38) meta kien jkun prudenti kieku hareg b’mod iehor billi johrog bid-dawra, fis-sens li johrog xi ftit lejn ix-xellug u b’hekk jkun jista’ jkabbar il-viswali tieghu lejn il-lemin fejn tinsab l-imsemmija sporgenza.  Ghalhekk parti mit-tort ghandu jkun akkolat lill-attur minhabba li naqas li jzomm ‘a proper look out’ waqt li kien hiereg mill-isqaq u esegwixxa din il-manuvra mhux kif suppost.

Illi jidher ukoll illi l-konvenut kien qed jsuq fuq it-triq principali b’volocita’ eccessiva ghall-lokalita in esami meta wiehed jikkonsidra l-konfigurazzjoni tat-triq in kwistjoni li tirrikjedi prudenza, b’velocita’ anqas minn dik li kien ghaddej biha l-istess konvenut.  Dan il-fatt hu evidenzjat mit-tul ta’ brake’ marks’ kif hawn fuq premess.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma illi z-zewg sewwieqa ghandhom jigu konsiderati bhala responsabbli t-tnejn fuq livell ta’ kontributorjeta’ u ghal dan il-ghan, l-istess Qorti iffissat dan bhala nofs (1/2) kull wiehed.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' hsarat sofferti mill-vettura misjuqa mill-attur hu evidenzjat mid-dokument a fol 15 sa fol 20 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' 'in parte' it-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala ko-responsabbli ghall-incident in esami billi lilu tigi akkolata nofs (½) ir-responsabilta' ghal dan l-incident u dan a basi ta' imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut, f'dan il-grad;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm411.00 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm205.50,0 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-istess partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------